32004D0210

L 66/45 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 4.3.2004

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI tat-3 ta' Marzu 2004 li twaqqaf Kumitati Xjentifiċi fil-qasam tas-saħħa tal-konsumatur, is-saħħa pubblika u l-ambjent

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2004/210/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari Artikoli 152 u 153 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kumitati Xjentifiċi ġew stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/404/KE ta' l-10 ta' Ġunju 1997 li waqqfet il-Kumitat Xjentifiku Permanenti ([1]) u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/579/KE tat-23 ta' Lulju 1997 li waqqfet il-Kumitati Xjentifiċi fil-qasam tas-saħħa tal-konsumatur u sigurtà ta' l-ikel ([2]).

(2) Ir-responsibbilitajiet tal-Kumitat Xjentifiku Permanenti (SSC) dwar pariri xjentifiċi fuq l-enċifalopatija sponġiformi tal-bovini u l-enċifalopatiji sponġiformi trasmessibbli (EFSA) ġie trasferit lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li stabbilixxa l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, stabbilixxa l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel u stabbilixxa l-proċeduri f'materji li jirrigwardjaw is-sigurtà ta' l-ikel ([3]).

(3) Ukoll ir-responsabbilitajiet ta' ħamsa mit-tmien Kumitati Xjentifiċi stabbiliti bid-Deċiżjoni 97/579/KE ġew ittrasferiti lill-EFSA, bażikament ir-responsabbilitajiet tal-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel, il-Kumitat Xjentifiku dwar in-Nutriment ta' l-Annimali, l-Kumitat xjentifiku dwar is-Saħħa u l-Ħarsien ta' l-Annimali, l-Kumitat Xjentifiku dwar Miżuri Veterinarji relatati mas-saħħa pubblika, u tal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Pjanti.

(4) It-termini tal-kariga tal-membri tat-tliet Kumitati Xjentifiċi li baqgħu stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/579/KE, l-Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti Kosmetiċi, u Prodotti li ma jikkonsistux f'Ikel maħsuba għall-Konsumaturi, l-Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti Mediċinali u Apparat Mediku, u l-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent skada. Il-Membri ta' dawn il-kumitati jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu rimpjazzati jew sakemm il-ħatriet tagħhom jiġu mġedda.

(5) Għaldaqstant hu neċessarju li d- Deċiżjoni 97/404/KE u d-Deċiżjoni 97/579/KE jiġu mibdula u li dawn l-atti jiġu mħassra.

(6) Pariri sani u xjentifiċi f'waqthom huma rekwiżiti essenzjali għal proposti, deċiżjonijiet u politika relatata ma' sigurtà tal-konsumatur, is-saħħa pubblika u l-ambjent għall-Kummissjoni.

(7) Il-parir tal-Kumitat Xjentifiku dwar materji li għandhom x' jaqsmu mas-sigurtà tal-konsumatur, is-saħħa pubblika u l-ambjent għandu jkun ibbażat fuq prinċipji ta' eċċellenza, indipendenza u imparzjalità u trasparenza, kif żviluppati fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fuq: "Il-ġbir u l-użu ta' *expertise* mill-Kummissjoni: prinċipji u linji gwida. Titjib fit-tagħrif għal *policies* aħjar" ([4]).

(8) Hu essenzjali li l-Kumitati Xjentifiċi jagħmlu l-aħjar użu mill-*expertise* esterna fl-UE u 'l hinn kif ikun meħtieġ għal mistoqsija speċifika.

(9) Huwa l-waqt illi l-istruttura tal-pariri tal-Kumitat Xjentifiku tiġi riorganizzata fid-dawl ta' l-esperjenza operazzjonali, t-twaqqif ta' l- EFSA u l-ħtiġiet futuri tal-Kummissjoni għal pariri xjentifiċi independenti. Tali struttura għandha tip-provdi l-flessibbilità biex tippermettilha tagħti pariri lill-Kummissjoni dwar materji li jaqgħu f'arji stabbiliti ta' kompetenza kif ukoll fuq riskji emerġenti u identifikati ġodda għas-saħħa u materji li ma jaqgħux fil-kompetenza ta' korpi oħra Komunitarji dwar stima ta' riskju.

(10) Il-ħtieġa għal pariri xjentifiċi indipendenti kemm f'oqsma stabbiliti kif ukoll f'oqsma ġodda ta' responsabbilitajiet tal-Komunità li jaqgħu fil-kompetenza tal-Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti Kosmetiċi u Prodotti li M'humiex Ikel maħsuba għall-Komsumaturi, u l-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossikoloċità, l-Ekotossikoloċità u l-Ambjent x'aktarx li jkomplu jiżdiedu.

([1]) ĠU L 169, tas-27.6.1997, p. 85; Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2000/443/KE (ĠU L 179, tat-18.7.2000, p. 13).
([2]) ĠU L 237, tat-28.8.1997, p. 18; Deċiżjoni kif emendata bid- Deċiżjoni 2000/443/KE.
([3]) ĠU L 31, ta' l-1.2.2002, p. 1; Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1642/2003 (ĠU L 245, tad-29.9.2003, p. 4).
([4]) KUMM (2002) 713 finali tal-11 ta' Diċembru 2002 fuq ' Il-ġbir u l-użu ta' *expertise* mill-Kummissjoni: prinċipji u linji gwida. Titjib fl-għarfien għal *policies* aħjar.

(11) In-numru ta' talbiet għal pariri xjentifiċi mill-Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti Mediċinali u Apparat Mediku huma ftit wisq biex jiġġustifikaw li jibqa' jaħdem bħala Kumitat Separat. Madankollu, in vista ta' l-importanza potenzali ta' dan il-qasam u b' mod partikolari ta' apparat mediku, jinħtieġ li tinżamm il-kapaċità li tipprovdi pariri xjentifiċi permezz ta' Kumitat Xjentifiku xieraq.

(12) Sabiex issaħħaħ il-koerenza xjentifika tagħhom, is-sinerġiji u atteggjament multi-dixxiplinarju u fl-istess ħin timminimizza responsabbilità ta' *overlapping*, jeħtieġ li l-oqsma tal-kompetenzi tal-Kumitati Xjentifiċi jergghu jiġu definiti biex jiġi żgurat kordinament sistematiku u strutturat.

(13) Huwa importanti illi l-Kummissjoni tieħu atteggjament proattiv għal estimi bikrija ta' riskji emerġenti u ta' oħrajn li jkunu ġew identifikati riċentement,

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

**Struttura tal-Kumitat Xjentifiku tal-pariri u l-oqsma ta' kompetenza**

1. Il-Kumitati Xjentifiċi li ġejjin b'dan huma stabbiliti:

(a) il-Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti tal-Konsumatur (hawnhekk iżjed 'il quddiem magħruf bħala SCCP).

(b) il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Saħħa u r-Riskji Ambjentali (hawnhekk iżjed 'il quddiem magħruf bħala SCHER).

(ċ) il-Kumitat Xjentifiku dwar Riskji Emerġenti u Identifikati Riċentementament għas-Saħħa (hawnhekk iżjed 'il quddiem magħruf bħala SCENIHR).

2. L-oqsma ta' kompetenza tal-Kumitati Xjentifiċi għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness I, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza konferita bil-leġislazzjoni tal-Komunità lil korpi oħra Komunitarji li jieħdu stima ta' riskju, bħalma hi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel u l-Aġenzija Ewropea għall-Valutazzjoni ta' Prodotti Mediċinali.

*Artikolu 2*

**Missjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha titlob opinjoni xjentifika mill-Kumitati Xjentifiċi fil-każi stabbiliti mil-liġi tal-Komunità. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll opinjoni mill-Kumitati fuq mistoqsijiet:

(a) ta' relevanza partikolari għas-sigurtà tal-konsumaturi, s-saħħa pubblika u l-ambjent; u

(b) li ma jaqgħux fil-mandat ta' korpi oħra Komunitarji.

2. Talbiet għal opinjonijiet xjentifiċi fuq mistoqsijiet li ma jaqgħux fl-oqsma ta' kompetenza ta' xi kumitat xjentifiku partikolari jew li jeħtieġu jiġu kunsidrati minn aktar minn Kumitat wieħed, għandhom jiġu indirizzati skond ir-regoli ta' proċedura stabbiliti f'Artikolu 10(2)(ċ). L-istess għandu jgħodd għal ħtiġijiet għal kjarifika ta' talbiet għal opinjonijiet xjentifiċi skond ir-regoli ta' proċedura stabbiliti f'Artikolu 10(2)(b).

3. Il-Kummissjoni tista' teħtieġ l-adozzjoni ta' opinjoni xjentifika minn xi Kumitat Xjentifiku f'perjodu speċifikat.

4. Il-Kumitati Xjentifiċi għandhom jiġbdu l-attenzjoni tal-Kummissjoni għal xi problema speċifika jew emerġenti fil-missjoni tagħhom, li jikkonsidraw li tista' tkun ta' riskju potenzali jew attwali għas-sigurtà tal-konsumatur, is-saħħa pubblika jew għall-ambjent. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-azzjoni li għandha tittieħed inkluż, fejn hu xieraq, talba għal opinjoni xjentifika fuq il-materja.

5. Bla ħsara għall-paragrafu 3, Kumitat Xjentifiku jista' jitlob informazzjoni addizjonali minn dawk involuti għat-tkomplija ta' l-opinjoni xjentifika.

Kumitat Xjentifiku jista' jagħti terminu perentorju biex jissottometti l-informazzjoni mitluba. Jekk l-informazzjoni mitluba ma tkunx ġiet sottomessa fit-terminu perentorju, l-Kumitat jista' jadotta l-opinjoni tiegħu a-bażi ta' l-informazzjoni li jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

**Ħatra ta' membri tal-Kumitati Xjentifiċi u l-membri assoċjati**

1. L-SCCP u SCHER għandhom kull wieħed jikkonsistu minn massimu ta' 19-il membru. Għandhom jinħatru a-bażi tal-ħila tagħhom u b'konsistenza ma' distribuzzjoni ġeografika li tirrifletti d-diversità tal-problemi xjentifiċi u atteggjamenti fil-Komunità. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina n-numru ta' membri f'kull kumitat skond il-ħtiġijiet speċifiċi.

2. Is-SCENIHR għandu jkun kompost minn 13-il membru. Għandhom jinħatru a-bażi tal-ħila wiesgħa tagħhom fl-applikazzjoni ta' l-istima tar-riskji u b'konsistenza ma' distribuzzjoni ġeografika li tirrifletti diversità tal-problemi xjentifiċi u l-atteggjamenti fil-Komunità.

Għal xi mistoqsija speċifika, s-SCENIHR jista' jkollu l-appoġġ ta' sa sitt membri assoċjati a-bażi tal-kapaċità tagħhom. Membri assoċjati għandhom ikollhom l-istess drittijiet biex jipparteċipaw fid-diskussjonijiet u r-responsabbilitajiet bħala membri.

3. Il-membri ta' kull kumitat Xjentifiku għandhom ikunu esperti xjentifiċi f'qasam jew iżjed ta' kompetenza ta' dak il-Kumitat u kollettivament għandhom ikopru l-aktar medda wiesgħa ta' dixxiplini possibbli.

4. Il-Kummissjoni għandha taħtar il-membri tal-Kumitati Xjentifiċi minn lista ta' kandidati eleġibbli stabbiliti wara pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u fuq il-*website* tal-Kummissjoni ta' sejħa għal espressjonijiet ta' interess.

5. L-ebda membru ta' Kumitat Xjentifiku ma jista' jinħatar għal iżjed minn Kumitat wieħed stabbilit f'Artikolu 1(1).

*Artikolu 4*

**Kostituzzjoni ta' lista ta' riserva**

1. Kandidati li jinstabu eleġibbli għal pożizzjoni f'Kumitat Xjentifiku iżda li ma jkunux appuntati għandhom jiġu mistiedna biex jiġu inklużi fuq lista ta' riserva. Il-lista ta' riserva tista' tintuża mill-:

(a) Kummissjoni biex tidentifika kandidati eleġibbli biex jieħdu post membri skond Artikolu 7(2);

(b) is-SCENIHR biex jidentifika membri assoċjati b'*expertise* meħtieġa għal kwistjonijiet speċifiċi;

(ċ) l-Kumitati Xjentifiċi biex jidentifikaw esperti esterni fi gruppi ta' ħidma;

2. Membnri assoċjati għandhom ikunu magħżula mil-lista ta' riserva jew minn listi stabbilita minn korpi oħra Komunitarji li jsegwu għażla miftuħa maħsuba biex timla l-ħtiġijiet għall-eċċellenza u l-indipendenza.

*Artikolu 5*

**Elezzjoni tal-President u tal-Viċi-President**

1. Kull Kumitat Xjentifiku għandu jeleġġi President u żewġ Viċi-Presidenti mill-membri tiegħu. L-elezzjoni għandha sseħħ b'maġġoranza sempliċi tal-membri li jifformaw il-Kumitat. Iż-żmien tal-kariga tal-President u tal-Viċi-President għandu jkun ta' tliet snin, b'dan il-perjodu jkun rinovabbli.

2. Il-proċedura għall-elezzjoni tal-President u tal-Viċi-President tal-Kumitati Xjentifiċi għandhom jiġu stabbiliti fir-regoli tal-proċedura.

*Artikolu 6*

**Kordinazzjoni tal-Kumitati Xjentifiċi**

Il-Presidenti għandhom jgħinu l-Kummissjoni fuq materji relatati dwar il-kordinament tat-tliet Kumitati Xjentifiċi skond ir-regoli ta' proċedura msemmija f'Artikolu 10(2)(d).

*Artikolu 7*

**Żmien ta' kariga**

1. Il-Membri għandhom jinħatru fuq il-Kumitati Xjentifiċi għal tlett snin, u ma jistgħux iservu għal aktar minn tliet termini konsekuttivi. Għandhom iżommu l-kariga sakemm jinbidlu jew l-appuntamenti tagħhom jiġu rinnovati.

Il-membri li għadhom kemm lestew tliet termini konsekuttivi għandhom ikunu eleġibbli għal *membership* ta' Kumitat Xjentifiku.

2. Meta jinstab illi membru ma jipparteċipax fix-xogħol ta' Kumitat Xjentifiku jew jixtieq li jirreżenja, l-Kummissjoni tista' ttemm it-tesserament tal-membru u tapponta li xi ħadd mil-lista ta' riserva kif hemm maħsub f'Artikolu 4.

*Artikolu 8*

**Gruppi ta' ħidma u l-parteċipazzjoni ta' esperti barranin**

1. Bi ftehim mal-Kummissjoni, l-Kumitat Xjentifiku jista' jistieden esperti speċjalizzati minn barra li jikkonsidraw li għandhom it-tagħlim xjentifiku u l-*expertise* relevanti biex jikkontribwixxi għax-xogħol tagħhom.

2. Il-Kumitati Xjentifiċi jistgħu joħolqu gruppi ta' ħidma speċifiċi b'kompiti ċari definiti. Dawn il-gruppi ta' ħidma għandhom jiġu stabbiliti b'mod partikolari meta jkun hemm ħtieġa għal *expertise* esterna biex il-mandat tal Kumitat jiġi esegwit. F'tali każi, għandu jistrieħ fuq l-*expertise* ta' dawk il-gruppi ta' ħidma meta jadotta opinjonijiet xjentifiċi.

3. Il-gruppi ta' ħidma għandhom ikunu preseduti minn membru tal-Kumitat Xjentifiku li jkun laqqagħhom u għandhom jirrappurtaw lura lilu.

4. Meta mistoqsija tkun tappartjeni lil iżjed minn wieħed, għandu jitwaqqaf grupp ta' ħidma komuni li jinkludi membri mill-Kumitati, l-membri assoċjati konċernati u l-esperti esterni skond il-każ.

*Artikolu 9*

**Ħlas u indennizzi**

Membri tal-Kumitati Xjentifiċi Membri Assoċjati u l-esperti esterni huma intitolati għal indennizz għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqgħat tal-Kumitati u talli jservu ta' *Rapporteurs* fuq mistoqsija speċifika, kif maħsub fl-Anness II.

Il-Ħlas għall-ivvjaġġar u spejjeż għall-ħajja għandhom jithallsu mill-Kummissjoni.

*Artikolu 10*

**Regoli ta' proċeduri**

1. Il-Kumitati Xjentifiċi għandhom jadottaw regoli komuni ta' proċedura in-konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Ir-regoli ta' proċedura għandhom jiżguraw li l-Kumitati Xjentifiċi jagħmlu xogħlhom skond il-prinċipji ta' eċċellenza, indipendenza u trasparenza, filwaqt li jikkunsidraw it-talbiet leġittimi għall-konfidenzalità kummerċjali.

2. Ir-regoli ta' proċedura għandhom ikopru b' mod partikolari:

(a) l-elezzjoni tal-President u tal-Viċi-President tal-Kumitat Xjentifiku;

(b) il-proċeduri għall-:

  (i) kordinazzjoni u allokazzjoni ta' mistoqsijiet,

  (ii) adozzjoni ta' opinjonijiet taħt kundizzjonijiet normali, u

  (iii) adozzjoni ta' opinjonijiet taħt proċedura aċċellerata, miktuba jekk l-urġenza tal każ teħtieġ tali proċedura:

(ċ) id-deskrizzjoni tal-Kumitat Xjentifiku responsabbli biex isolvi mistoqsijiet komuni għal iżjed minn Kumitat Xjentifiku wieħed;

(d) il-proċeduri biex jiġi żgurat kordinament bejn il-Kumitati Xjentifiċi inklużi materji relatati ma' l-armonizzazzjoni ta' l-istima tar-riskju;

(e) il-ħolqien ta' u l-organizzazzjoni ta' gruppi ta' ħidma tal-Kumitati Xjentifiċi;

(f) l-involviment ta' esperti esterni u, għas-SCENIHR,ta' membri assoċjati:

(g) il-ħatra ta' *Rapporteurs* u d-deskrizzjoni tal-kompiti tagħhom in-relazzjoni mal-preparazzjoni ta' abbozz ta' opinjonijiet għall-Kumitati Xjentifiċi:

(h) il-format u l-kontenut ta' opinjonijiet xjentifiċi u proċeduri sabiex tiġi żgurata u mtejba l-koerenza tagħhom;

(i) proċeduri sabiex jiġu identifikati, rizolti jew ikkjarifikati opinjonijiet diverġenti ma' korpi Komunitarji u internazzjonali li jkunu qegħdin jesegwixxu kompiti simili, inkluż il-bdil ta' informazzjoni u l-organizzazzjoni ta' laqgħat konġunti;

(j) l-organizzazzjoni ta' laqgħat ma' l-industrija jew ma' gruppi oħra ta' interess speċjali;

(k) ir-responsabbilitajiet u l-obligazzjonijiet tal-membri, membri assoċjati u esperti esterni in-relazzjoni mal-kuntatti tagħhom ma' *petitioners*, gruppi ta' interess speċjali u individwi oħra li jkollhom interess;

(l) ir-rappreżentanza ta' Kumitat Xjentifiku f'attivitajiet esterni, l-aktar b'relazzjoni ma' korpi oħra Komunitarji jew internazzjonali li jkunu qegħdin jaħdmu fuq attivitajiet li jgħaddu lil xulxin.

*Artikolu 11*

**Regoli għall-votazzjoni**

Kull Kumitat Xjentifiku għandu jaġixxi b' maġġoranza tal-membri tiegħu.

*Artikolu 12*

**Adozzjoni ta' opinjonijiet xjentifiċi**

Il-Kumitati Xjentifiċi għandhom jadottaw l-opinjonijiet tagħhom b'maġġoranza tal-Membri li jiffurmaw il-Kumitat.

*Artikolu 13*

**Opinjonijiet diverġenti**

1. Il-Kumitati Xjentifiċi għandhom jassitu lill-Kummissjoni biex tidentifika fi stadju bikri diverġenzi potenzali jew attwali bejn l-opinjonijiet xjentifiċi tagħhom u l-opinjonijiet xjentifiċi ta' korpi Komunitarji u Internazzjonali li jkunu qegħdin jesegwixxu kompiti simili. Għandhom jassitu lill-Kummissjoni biex tevita, tirrisolvi jew tikkjarifika opinjonijiet diverġenti.

2. Fejn tkun ġiet identifikata diverġenza sostantiva dwar topiċi xjentifiċi u l-korp in-kwistjoni hu korp Komunitarju, l-Kumitat Xjentifiku konċernat għandu, fuq talba tal-Kummissjoni, jikkopera mal-korp ikkonċernat bil-għan illi jew jirrisolvi d-diverġenza jew jippreżenta dokument konġunt lill-Kummissjoni fejn jikkjarifika t-topiċi xjentifiċi kontenzjużi u jidentifika l-inċertezzi relevanti fid-*data*. Dan id-dokument għandu jkun ippubblikat.

*Artikolu 14*

**Indipendenza**

1. Il-Membri tal-Kumitati Xjentifiċi u l-membri assoċjati għandhom jiġu nominati f'kapaċità personali. Ma jistgħux jiddelegaw ir-responsabbilitajiet tagħhom lil membri oħra jew lil terzi persuni.

2. Il-Membri tal-Kumitati Xjentifiċi u l-membri assoċjati għandhom jaġixxu indipendentement minn kull influwenza esterna.

Għal dak il-għan għandhom jagħmlu dikjarazzjoni fejn jikkommettu ruħhom illi jaġixxu fl-interess pubbliku flimkien ma' dikjarazzjoni ta' interess fejn jindikaw jew l-assenza ta' jew l-eżistenza ta' xi interess li jista' jiġi kunsidrat ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom.

Dawn id-dikjarazzjonijiet għandhom isiru bil-miktub u jkunu disponibbli għall-pubbliku. Il-Membri tal-Kumitati Xjentifiċi għandhom jagħmlu dikjarazzjoni kull sena.

3. Il-Membri tal-Kumitati Xjentifiċi u l-membri assoċjati u l-esperti esterni li jipparteċipaw fi gruppi ta' ħidma għandhom jiddikjaraw f'kull laqgħa kull interess speċifiku li jista' jiġi kunsidrat li jkun ta' preġudizzju għall-indipendenza tagħhom in-relazzjoni mal-punti li jkunu fuq l-aġenda.

*Artikolu 15*

**Trasparenza**

1. Talbiet għal opinjonijiet, aġendi, minuti u opinjonijiet tal-Kumitati Xjentifiċi għandhom ikunu pubblikati mingħajr telf ta' żmien u filwaqt li titħares il-konfidenzalità kummerċjali.

2. Opinjonijiet ta' minoranza għandhom dejjem jiġu inklużi fl-opinjonijiet tal-Kumitati Xjentifiċi u għandhom jiġu attribwiti lill-membri jew lill-membri assoċjati konċernati.

3. Ir-regoli tal-proċeduri għandhom jiġu pubblikati fuq il-*website* tal-Kummissjoni.

4. L-ismijiet tal-membri tal-Kumitati Xjentifiċi għandhom ikunu pubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Għandhom ikunu wkoll disponibbli fuq il-*website* tal-Kummissjoni flimkien ma' *Curriculum vitae* qasira ta' kull membru.

L-ismijiet tal-parteċipanti fil-gruppi ta' ħidma għandhom jingħataw ma' l-opinjoni li jkunu kontribwew għaliha.

5. Il-lista ta' riserva li tirriżulta mis-sejħa għal espressjonijiet ta' interess għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Għandha tkun disponibbli fuq il-*website* tal-Kummissjoni.

*Artikolu 16*

**Kunfidenzalità**

Il-membri tal-Kumitati Xjentifiċi, l-membri assoċjati u l-esperti esterni ma għandhomx jizvelaw informazzjoni miksuba mix-xogħol tal-Kumitati Xjentifiċi, jew xi wieħed mill-gruppi ta' ħidma, meta jiġu informati li hija konfidenzali.

*Artikolu 17*

**Segretarjat tal-Kumitati Xjentifiċi tal-Kummissjoni**

1. Il-Kumitati Xjentifiċi u l-gruppi ta' ħidma tagħhom għandhom jitlaqqgħu mill-Kummissjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi s-segretarjat xjentifiku u amministrattiv tal-Kumitati Xjentifiċi u l-gruppi ta' ħidma tagħhom.

3. Is-segretarjat għandu jkun responsabbli biex jipprovdi l-appoġġ xjentifiku u amministrattiv meħtieġ biex jiffaċilita l-funzjonament effiċjenti tal-Kumitati Xjentifiċi skond ir-regoli tal-proċedura, b'mod partikolari b'relazzjoni mal-ħtiġijiet ta' eċċellenza, indipendenza, u trasparenza.

4. Is-segretarjat għandu jiżgura l-kordinament xjentifiku u tekniku ta' l-attivitajiet tal-Kumitati Xjentifiċi u fejn meħtieġ kordinazzjoni ta' l-attivitajiet tagħhom ma' dawk ta' korpi oħrajn tal-Komunità u internazzjonali.

*Artikolu 18*

**Bdil tal-Kumitati Xjentifiċi**

Il-Kumitati Xjentifiċi stabbiliti b'Artikolu 1(1) ta' din id-Deċiżjoni għandhom jibdlu l-Kumitati Xjentifiċi eżistenti stabbiliti bid-Deċiżjoni 97/579/KE kif ġej:

(a) il-Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti tal-Konsumatur għandu jieħu post il-Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti Kosmetiċi u Prodotti li M'humiex Ikel maħsuba għall-Konsumaturi;

(b) il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u Ambjentali għandu jieħu post il-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità, u l-Ambjent;

(ċ) il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa Emerġenti jew Li Gew Identifikati Riċentement għandu jieħu post il-Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti Mediċinali u Apparat Mediku.

*Artikolu 19*

**Abrogazzjonijiet**

1. Id-Deċiżjonijiet 97/404/KE u 97/579/KE huma mħassra.

Madankollu, t-tliet Kumitati stabbiliti b'dawk id-Deċiżjonijiet għandhom jibqgħu fil-kariga sakemm il-Kumitati Xjentifiċi stabbiliti b' din id- Deċiżjoni jieħdu l-kariga.

2. Referenzi għad-deċiżjonijiet abrogattivi għandhom jinftehmu bħala appikabbli għal din id-Deċiżjoni; referenzi għall-Kumitati u sezzjonijiet stabbiliti mid-deċiżjonijiet abrogattivi għandhom jinftehmu bħala li jappikaw għall-Kumitati stabbiliti minn din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussel, fit-3 ta' Marzu 2004.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**OQSMA TA’ KOMPETENZA**

1. **Kumitat Xjentifiku dwar Prodotti għall-Konsumatur**

Għandu jipprovdi opinjonijiet fuq mistoqsijiet li jikkonċernaw is-sigurtà ta’ prodotti għall-konsumatur (prodotti mhux għall-ikel maħsuba għall-konsumatur). B’mod partikolari, għandu jindirizza l-mistoqsijiet in-relazzjoni mas-saħħa u l-proprjetajiet allerġeniċi ta’ prodotti kosmetiċi u ingredjenti in -rigward ta’ l-impatt tagħhom fuq is-saħħa tal-konsumatur, ġugarelli, tessuti, ħwejjeġ, prodotti għall-użu personali, prodotti domestiċi bħalma huma d-deterġenti u servizzi għall-konsumatur bħat-tatwaġġi.

2. **Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji għas-Saħħa u l-Ambjent**

Għandu jipprovdi opinjonijiet dwar mistoqsijiet relatati ma’ eżamijiet tat-tossiċità u ekotossiċità ta’ komposti kimiċi, biokimiċi, u bioloġiċi li l-użu tagħhom jista’ jkollu konsegwenzi dannuzi fuq is-saħħa umana u l-ambjent. B’mod partikolari, għandu jindirizza mistoqsijiet dwar kimiċi ġodda u eżistenti, r-restrinġar ta’ u l-*marketing* ta’ sostanzi perikolużi, bioċidi, kontaminanti ambjentali, plastik u materjali oħra li jintużaw bħala pajpijiet għall-ilma (p.e. sostanzi ġodda organiċi), ilma tax-xorb, u l-kwalità ta’ l-arja fuq ġewwa u ambjentali.

Għandu jindirizza mistoqsijiet dwar l-esponiment uman għal taħlitiet ta’ kimiċi, is-sensitizzazzjoni u l-identifikar ta’ *disrupters* tas-sistema endikronali.

3. **Il-Kumitat Xjentifiku dwar Riskji għas-Saħħa Emerġenti jew li ġew Identifikati Riċentement**

Għandu jagħti opinjonijiet fuq mistoqsijiet dwar riskji emerġenti jew li ġew identifikati reċentement u fuq topiċi wesgħin, komplessi u multidixiplinarji li jeħtieġu stima komprensiva tar-riskji għas-sigurtà tal-konsumatur jew għas-saħħa pubblika u topiċi relatati mhux koperti minn korpi Komunitarji li jistmaw tali riskji.

Eżempji ta’ oqsma ta’ attività jinkludu r-riskji potenzali assoċjati ma’ l-interazzjoni tal-fatturi tar-riskju, l-effetti sinerġetiċi, l-effetti kumulattivi, r-resistenza antimikrobjali, teknoloġiji ġodda bħan-nanoteknoloġiji, apparat mediku li jinkorpora sustanzi li joriġinaw minn annimali u/jew mill-bniedem, l-inġinerija tat-tessuti umani, prodotti magħmula mid-demm, reduzzjoni ta’ fertilità, kankru ta’ l-organi endokrinali, perikli fiżiċi bħal dawk ikkaġunati mill-ħoss u oqsma elettromanjetiċi (minn telefon ċellulari, *transmitters*, u l-ambjenti tad-dar ikkontrollati b “mezzi elettronici) u metodologiji għall-evalwazzjoni ta” riskji godda.

*ANNESS II*

**INDENNIZZI**

Il-Membri tal-Kumitati Xjentifiċi, l-Membri Assoċjati, u l-esperti esterni għandhom ikunu indennizzi kif ġej:

Għal parteċipazzjoni f'laqgħat:

— EUR 300 għal kull ġurnata sħiħa jew EUR 150 għal parteċipazzjoni fil-għodu jew wara nofs in-nhar għal laqgħa ta' Kumitat Xjentifiku, grupp ta' ħidma jew laqgħa esterna fejn l-attendenza ssir b "konnessjoni max-xogħol ta' Kumitat Xjentifiku."

Talli wieħed jaġixxi bħala *Rapporteur* għal mistoqsija li ma teħtieġx aktar minn ġurnata għall-preparazzjoni ta' abbozz ta' opinjoni u bi ftehim bil-miktub minn qabel tal-Kummissjoni:

— EUR 300.

— Fejn ikun ġustifikat u jekk il-*budget* jippermetti EUR 600 għal mistoqsijiet li jkunu partikolarment impenjattivi f'termini ta' xogħol.

Għal mistosijiet partikolarment komplessi ta' natura multi dixiplinarja, jista jiġi appuntat aktar minn *Rapporteur* wieħed.